MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 235/2004

**Antonia mart Thomas Clinch bħala mandatarja ta' l-assenti Carmela *sive* Carmen mart John Solowyk xebba Borg**

***Versus***

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

F'din il-kawża l-attriċi qiegħda titlob korrezzjoni fl-att tat-twelid tagħha, li għandu n-numru 9380/1945, billi fuq dak l-att il-kunjom ta' ommha Fortunata huwa muri ħażin bħala "Facciol" meta kunjom Fortunata kien "Pace" billi kienet bint Carmelo Pace u Concetta Pace xebba Abela. L-attriċi għalhekk qiegħda titlob illi l-qorti tordna li fejn jidher il-kunjom "Facciol" fl-att tat-twelid numru 9380/1945 dan jitħassar u floku jidħol il-kunjom "Pace". Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż tal-kawża.
Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. huwa jaqbel mat-talba għall-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid numru 9380/1945;
2. għandha ssir pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif irid l-art. 254 tal-Kodiċi Ċivili;
3. l-iżball ma sarx bi ħtija tiegħu u għalhekk ma għandux ibati spejjeż.

Il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret wara dikriet mogħti fl-4 t’Awissu 2004.

Billi kemm mix-xhieda kif ukoll mill-istqarrija tal-konvenut ħareġ illi kunjom xbubit Fortunata omm l-attriċi tassew kien “Pace” għax kienet bint Karmenu Pace, il-qorti taqta’ l-kawża billi tordna illi fl-att tat-twelid ta’ l-attriċi, li għandu n-numru 9380/1945, fil-kolonna relativa għal tagħrif dwar il-missier ta’ l-omm, jitħassar il-kunjom “Facciol” u floku jidħol il-kunjom “Pace”.

Billi l-iżball ma sarx bi ħtija tal-konvenut, l-ispejjeż tal-kawża għandha tħallashom l-attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------